**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI**

**MAGISTRAT:**
**DR ANTONIO MICALLEF TRIGONA LL.D. MAG. JUR (EU LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 10 ta' Mejju 2001**

Citazzjoni numru 201/00AMT

Simonds Farsons Cisk Plc

-vs-

George Attard

Il-Qorti;

Rat l-att tac-citazzjoni tas-socjeta' attrici li jaqra:

"illi s-socjeta' attrici ffirmat ftehim mal-konvenut fid-19 ta' April 1999 (hawn anness u mmarkat Dok A) liema ftehim kien jobbliga lill-konvenut - u senjatament il-klawsola erbgha (4) ta' dan il-ftehim - illi ma jbieghx prodotti simili ghall-prodotti tas-socjeta' attrici fl-istabbiliment maghruf bhala "Chip 'n Dale Bar" fi Pjazza San Frangisk, Victoria, Ghawdex u stabbilimenti ohra gestiti mill-konvenut.

Illi a bazi ta' l-imsemmi ftehim, is-socjeta' attrici selfet lill-konvenut is-somma ta' tlett elef lira (Lm3,000) liema somma kellha tithallas lura mill-konvenut permezz ta' l-iskontijiet specjali pprattikati fuq l-istess prodotti tas-socjeta' attrici meta jinxtraw mill-konvenut u kif imsemmi fi klawsola sitta (6) u l-allegat "A" ta' l-istess ftehim.

Illi l-konvenut kiser l-istess ftehim billi beda jbiegh prodotti simili ghal dawk tas-socjeta' attrici fl-istabbiliment imsemmi kif ser jigi ppruvat fil-kors ta' din il-kawza.

U illi l-konvenut kien ghad fadallu jhallas fit-13 ta' Settembru 2000 is-somma ta' elf mija u disa' liri u sebghin centezmu (Lm1,109.70) bhala bilanc mis-somma imsemmija ta' tlett elef lira Maltin (LM3,000) u dana kif jirrizulta mill-anness rezokont immarkat bhala dok B u ghalkemm debitament

interpellat, il-konvenut naqas illi jirrifondi lis-socjeta' attrici din is-somma ta' elf mija u disgha liri Maltin u sebghin centezmu (Lm1,109.70).

U inoltre illi  l-kovenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt elef seba' mija u disghin lira u wiehed u sittin centezmu (Lm6,790.61) bilanc minn somma akbar dovuta lis-socjeta' attrici mill-konvenut ghall-bejgh u kunsinna ta' prodotti tas-socjeta' attrici lill-istess konvenut u  dana kif jirrizulta mill-anness rezokont immarkat bhala Dok C.

U illi l-istess konvenut gie interpellat jhallas is-somma msemmija ta' sebat elef disa' mitt lira Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm7,900.31) izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.

Jghaid ghalhekk ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi:

1. Issib illi l-konvenut kiser il-ftehim imsemmi tad-19 ta' April 1999 meta biegh prodotti simili ghal dawk tas-socjeta' attrici fl-istabbiliment gestit minnu;

2. Tillikwida l-bilanc dovut lis-socjeta' attrici mill-konvenut mill-ammont misluf lil dan ta' l-ahhar fis-somma ta' elf mija u disa' liri Maltin u sebghin centezmu (Lm1,109.70).

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma hekk likwidata;

4. Inoltre tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' sitt elef seba' mija u disghin lira u wiehed u sittin centezmu (Lm6,790.61), bilanc minn somma akbar dovuta lis-socjeta' attrici mill-konvenut ghall-bejgh u kunsinna ta' prodotti tas-socjeta' attrici lill-konvenut.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittri interpellatorja tas-7 ta' Frar 2000 u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa mharrek.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici debitament imhalfa u l-lista tax-xhieda tieghu.

Rat il-verbal taghha tas-27 ta' Marzu u 19 ta' April 2001.

Rat li l-konvenut debitament notifikat bic-citazzjoni u l-avviz ghas-smiegh baqa' kontumaci.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-process.

Rat in-nota ta' riduzzjoni pprezentata mis-socjeta' attrici.

Ikkunsidrat:

Illi l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici huwa ben pruvat mid-dokumenti li l-konvenut ma kkontestax. L-ammont dovut illum huwa f'ammont marginalment inqas skond in-nota ta' riduzzjoni.

Ghalhekk tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet kollha attrici u tikkundanna l-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont komplessiv ta' sebat elef sitt mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u dsatax-il centezmu (Lm7,626.19) bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra interpellatorja tas-7 ta' Frar 2000 u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur